MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRETA MIFSUD**

Seduta tat-22 ta' Frar, 2011

Talba Numru. 925/2010

**GO p.l.c. - C 22334**

**vs**

**Alessio Muscat**
**I.D. 20078(M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-konvenut ghandu jaghti lis-socjeta' attrici, li precedentament kienet topera taht l-isem ta' *Maltacom p.l.c.* is-somma ta' tlett mija u tlieta u sittin Ewro u wiehed u disghin centezmu (€363.91), in konnessjoni mas-servizzi telefonici bin-numru *21320990 (AC40055469).* Skond diversi kontijiet mibghuta lilhu.

Illi l-konvenut gie interpellat sabiex jghaddi ghal hlas, izda baqa' inadempjenti u ghalhekk kellha ssir dina l-kawza, kontra l-konvenut li gie ingunt ghas-subizzjoni.
Bl-imghax u bl-ispejjez,.

Skond id-dokumenti annessi ma l-avviz tat-talba mmarkati bhala:
Dok A - Prospett *AC 40055469,*
Dok B - Kuntratt datat 29 t'April, 2005,
Dok C – Estratt mir-registru elettorali.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il- konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-Ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut jhallas is-somma ta' tlett mija u tlieta u sittin Ewro u wiehed u disghin centezmu (€363.91), bl-imghax kif mitluba. L-ispejjez huma a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------